

## INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

**Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar għajnuniet mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuniet mill-Istat lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001**

(2010/C 196/03)

**Għajnunata Nru:** XA 36/10**Stati Membri:** Id-Danimarka**Reġjun:** —

**Titolu tal-iskema ta' għajnunata jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnunata individwali:** Bekendtgørelse om tilskud til fremme af dyrkning efter retningslinjerne for integreret plantebeskyttelse (IPM)

**Bażi legali:** Tekstanmærkning til nr. 151 ad § 24.21.02 i finanslov for finansåret 2010

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnunata individwali mogħtija lill-impriża:** Għal din l-iskema hija ppjanata nefqa annwali ta' DKK 6,4 miljun

**Intensità massima tal-għajnunata:** 100 %

**Data tal-implimentazzjoni:** Minn ġurnata wara l-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea

**Tul ta' żmien tal-għajnunata individwali:** L-iskema se tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2015

**Għan tal-għajnunata:**

L-għajnunata hija mogħtija skont l-Artikolu 15(2)(e)(i). L-għan tal-għajnunata huwa li ttejjeb it-tixrid ta' informazzjoni xjentifika dwar l-użu ta' pestiċidi mal-produtturi primarji tas-settur agrikolu, ortikulturali u tal-frott billi tippromwovi l-kultivazzjoni u ttipprovdi konsulenza dwarha skont il-linji gwida dwar il-ġestjoni integrata tal-pesti (IPM).

Il-benefiċjarji finali huma produtturi primarji.

Il-kostijiet imġarrba mill-konsulenti b'konnessjoni mat-tixrid ta' informazzjoni xjentifika u r-riżultati tal-IPM lill-produtturi primarji, inklużi n-nefqa fuq is-salarji tal-konsulenti, fuq it-tixrid prattiku fil-livell tal-kumpanija, fuq il-pubblikazzjonijiet, fuq is-siti elettroniċi eċċ., huma nefqa eliġibbli.

Dawn l-attivitajiet konsultattivi ma jinvolvux ħlasijiet diretti lill-produtturi primarji.

**Settur jew setturi benefiċjarji:** Is-setturi tal-kultivazzjoni tal-uċuh tar-raba', tal-ortikultura u tal-kultivazzjoni tal-frott

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnunata:**

FødevareErhverv  
Nyropsgade 30  
1780 København V  
DANMARK

**Indirizz tal-Internet:**

IPM website

[http://ferv.fvm.dk/IPM\\_-\\_integreret\\_plantebeskyttelse.aspx?ID=54243](http://ferv.fvm.dk/IPM_-_integreret_plantebeskyttelse.aspx?ID=54243)

Bekendtgørelse nr. 409 af 21. april 2010 om tilskud til fremme af dyrkning efter retningslinjerne for integreret plantebeskyttelse (IPM)

<https://www.retsinformation.dk/Forms/R0710.aspx?id=131581>

**Informazzjoni oħra:** L-għajnunata għar-riċerka, żvilupp u proġetti ta' dimostrazzjoni ma tistax tingħata taħt din l-iskema

**Għajnunata Nru:** XA 44/10**Stati Membri:** Spanja**Reġjun:** —

**Titolu tal-iskema ta' għajnunata jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnunata individwali:** Apoyo técnico

**Bażi legali:**

Real Decreto 202/2010, de 1 de marzo, por el que se establecen las bases reguladoras para la concesión de ayudas a las agrupaciones de productores de plantas vivas y productos de la floricultura para mejorar la producción, la comercialización y la formación del sector.

Real Decreto/.../2010, de ... de ... de 2010, por el que se modifica el Real decreto 202/2010, de 1 de marzo, por el que se establecen las bases reguladoras para la concesión de ayudas a las agrupaciones de productores de plantas vivas y productos de la floricultura para mejorar la producción, la comercialización y la formación del sector.

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:**

Ammont annwali: EUR 2 083 333

Il-limitu kumplessiv tal-għajnuna li hemm provdut għaliha fit-Taqsimit 1 sa 3 tad-Digriet Rjali se jkun ta' EUR 300 000 għal kull grupp ta' produttori għal attivitajiet imwettqa tul perjodu massimu ta' tliet snin.

**Intensità massima tal-għajnuna:** 50 % tal-ammont tal-infiq imġarrab mill-gruppi ta' produttori li huma intrapriżi żgħar jew medji

**Data tal-implimentazzjoni:** Mid-data tal-pubblikazzjoni tan-numru tar-reġistrazzjoni tat-talba għal eżenzjoni fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** Il-31 ta' Diċembru 2013

**Għan tal-għajnuna:**

— *Għanijiet:*

Il-promozzjoni ta' attivitajiet ta' taħriġ fis-settur tal-pjanti ħajjin u tal-florikultura

— *Artikolu/i invokat/i:*

L-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2007

— *Infiq eliġibbli:*

- Edukazzjoni u taħriġ għall-bdiewa u l-ħaddiema fis-settur agrikolu l-infiq eliġibbli jinkludi l-ispejjeż għall-organizzazzjoni tal-programm ta' taħriġ kif ukoll l-ispejjeż għall-ivvjaġġar u s-sussistenza tal-parteċipanti;
- Organizzazzjoni u parteċipazzjoni f'fora ta' skambju ta' għarfien, kompetizzjonijiet, esibizzjonijiet u fieri speċifiċi tas-settur tal-pjanti ħajjin u tal-florikultura ornamental. Fil-konkret, l-infiq eliġibbli se jinkludi l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-ispejjeż tal-pubblikazzjonijiet neċessarji, il-kiri tal-postijiet fejn isiru l-wirjiet, u l-premji simboliċi mogħtija fil-konkorsi sa ammont massimu ta' EUR 250 għal kull premju u kull rebbieħ;
- Pubblikazzjonijiet bħal katalogi jew websajts li jagħtu taġħrif dwar il-produtturi minn reġjun speċifiku jew ta' prodott speċifiku, sakemm dan it-taġħrif u l-preżentazzjoni tiegħu jkunu newtrali u l-produtturi kollha kkonċernati jingħataw l-istess opportunità biex ikunu inklużi fihom.

**Settur jew setturi benefiċjarji:** Pjanti ħajjin u prodotti tal-florikultura

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Ministerio de Medio Ambiente, y Medio Rural y Marino  
Paseo de Infanta Isabel, 1  
28014 Madrid  
ESPAÑA

**Indirizz tal-Internet:**

[http://www.mapa.es/ministerio/pags/normas/ayudas\\_floricultura.pdf](http://www.mapa.es/ministerio/pags/normas/ayudas_floricultura.pdf)

[http://www.mapa.es/ministerio/pags/normas/modificacion\\_RD\\_202\\_2010.pdf](http://www.mapa.es/ministerio/pags/normas/modificacion_RD_202_2010.pdf)

**Informazzjoni oħra:** —

**Għajnuna Nru:** XA 67/10

**Stati Membri:** L-Italja

**Reġjun:** Gorizia

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:** Norme di attuazione della Legge 700 del 1975 relative aġli aiuti alle imprese agricole

**Bażi legali:**

- Norme di attuazione approvate con delibera n. 24/FG dd. 10.3.2010,
- Delibera n. 155/FG dd. 17.11.2008 «Regolamento per la gestione del Fondo Gorizia»,
- Legge regionale Friuli Venezia Giulia n. 30 del 28.12.2007, art. 5, comma 76,
- Legge 27 dicembre 1975, n. 700.

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** Mhux aktar minn EUR 1 miljun fis-sena għall-2010, 2011, 2012, 2013

**Intensità massima ta' l-għajnuna:** L-intensità massima tal-għajnuna hija dik stabbilita fl-Artikoli 4, 5, 7, 12, 14 u 15, rispettivamente, għat-tipi ta' għajnuna li ġejjin: Investimenti, il-konservazzjoni ta' pajsaġġi u bini tradizzjonali, l-istabbiliment ta' bdiewa żgħażaġħ fis-settur, il-produzzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità u appoġġ tekniku lis-settur agrikolu

**Data tal-implimentazzjoni:** Mid-data tal-pubblikazzjoni tan-numru tar-reġistrazzjoni tat-talba għall-eżenzjoni fuq is-sit elettroniku tad-Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura u għall-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** sal-31 ta' Diċembru 2013

**Għan tal-għajnuna:**

Ir-regoli implimentattivi approvati fid-Deċiżjoni Nru 24/FG tal-10 ta' Marzu 2010 (*Delibera n. 24/FG dd. 10.3.2010*) jirregolaw il-kriterji għall-għoti ta' għajnuna mmirata lejn l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, kif definiti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 800/2008, tas-settur tal-produzzjoni agrikola primarja:

- Ghajjnuna għall-investimenti fl-azjendi agrikoli (Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006),
- Ghajjnuna għall-konservazzjoni tal-pajsaġġi u l-bini tradizzjonali (Artikolu 5),
- Ghajjnuna għall-istabiliment ta' bdiewa żgħażaġh fis-settur (Artikolu 7),
- Ghajjnuna favur il-ħlas ta' primjums tal-assigurazzjoni (Artikolu 12),
- Ghajjnuna biex tiġi promossa produzzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità (Artikolu 14),
- Il-forniment ta' appoġġ tekniku fis-settur agrikolu (Artikolu 15),

L-infiq eliġibbli għall-ghajjnuna huwa skont kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1857/2006 għal kull tip ta' ghajjnuna.

**Settur jew setturi benefiċjarji:** Is-setturi kollha tal-produzzjoni agrikola primarja

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-ghajjnuna:**

Camera di Commercio Industria Artigianato e Agricoltura di Gorizia  
Via Crispi 10  
34170 Gorizia GO  
ITALIA

<http://www.go.camcom.it>

**Indirizz tal-Internet:**

[http://www.go.camcom.it/allegati/pdf/fondogorizia/norme\\_attuaz\\_L700\\_agricoltura.pdf](http://www.go.camcom.it/allegati/pdf/fondogorizia/norme_attuaz_L700_agricoltura.pdf)

**Informazzjoni oħra:**

Referente per la Camera di Commercio di Gorizia:

Sig. Antonio LUISA

Tel. +39 0481384293

**Ghajjnuna Nru:** XA 73/10

**Stati Membri:** Ir-Renju ta' Spanja

**Reġjun:** —

**Titolu tal-iskema ta' ghajjnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-ghajjnuna individwali:** Ayudas para la renovación del parque nacional de maquinaria agrícola

**Bażi legali:** Proyecto de Real Decreto por el que se establecen las bases reguladoras de las ayudas para la renovación del parque nacional de maquinaria agrícola (li se jkun ippubblikat fil-Bullettin Uffiċjali tal-Istat)

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-ghajjnuna individwali mogħtija lill-impriża:** L-infiq pubbliku mistenni li jkun mogħti lill-benefiċjarji se jkun, kumplessivament, ta' massimu EUR 4 miljun matul l-2010

**Intensità massima tal-ghajjnuna:**

Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006, u sakemm ma jinqabżux l-limiti stabbiliti fl-Artikolu 4(9) ta' dak ir-Regolament, l-intensità massima tal-ghajjnuna se tkun kif ġejja:

- (a) EUR 12 000 għax-xiri ta' tratturi ġodda;
- (b) EUR 15 000 għax-xiri ta' tratturi ġodda meta, flimkien mat-tratturi, jiġi skreppjat tagħmir għall-applikazzjoni ta' prodotti fitosanitari u fertilizzanti;
- (c) EUR 30 000 għax-xiri ta' tagħmir awtomotiv tal-ħsad;
- (d) 30 % tal-investment f'makkinarji awtomotivi u meta, f'każi-jiet speċifiċi, jiġu rmunkati l-makkinarji.

Bl-istess mod, ma jistgħux jinqabżu l-persentaġġi tal-investimenti eliġibbli stabbiliti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament imsemmi.

**Data tal-implimentazzjoni:** Mid-data tal-pubblikazzjoni tan-numru ta' reġistrazzjoni tat-talba għal eżenzjoni fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali tal-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni. L-ghajjnuna ma tistax tiġi applikata qabel id-data tal-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq

**Tul ta' żmien tal-ghajjnuna individwali:** Sal-31 ta' Diċembru 2013. Tinfexx sejħa għall-applikazzjonijiet kull sena

**Għan tal-ghajjnuna:**

L-għan tal-ghajjnuna huwa li, permezz ta' sejħiet għall-offerti kompetittivi, tiġi stabbilita bażi regolatorja għall-promozzjoni tat-tiġdid tat-tratturi u l-makkinarju agrikolu fi Spanja. L-ispejjeż eliġibbli huma dawk marbuta mal-iskreppjar tal-makkinarji qodma u t-tibdil tagħhom bi tratturi u makkinarji ġodda mgħammra b'teknoloġija moderna biex b'hekk jittejjbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, tiżdied l-effiċjenza tal-enerġija u l-protezzjoni tal-ambjent (Artikolu 1).

L-ghajjnuna hija ta' EUR 80 għal kull CV ta' kull trattur jew makkinarju bil-mutur awtomotiv skreppjat, b'supplimenti differenti skont il-benefiċjarji, l-art tagħhom, il-karatteristiċi tal-makkinarju skreppjat u dawk tal-makkinarju ġdid. Il-limiti għall-ghajjnuna msemmija hawn fuq ikunu i'mbagħad ristretti skont Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għal ghajjnuna mill-Istat għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001, u sakemm ma jinqabżux il-limiti stabbiliti fil-paragrafi li ġejjin jew fl-Artikolu 4(9) ta' dak ir-Regolament.

L-ghajjnuna tingħata skont l-Artikolu 4(4)(b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006.

L-ghajjnuna tingħata għal attivitajiet li jsiru wara t-tressiq tal-applikazzjoni.

**Settur jew setturi benefiċjarji:** Produzzjoni primarja agrikola

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajna:**

Ministerio de Medio Ambiente y Medio Rural y Marino  
Paseo Infanta Isabel, 1  
28014 Madrid  
ESPAÑA

**Indirizz tal-Internet:**

It-test sħiħ tal-kriterji u l-kundizzjonijiet tal-iskema huwa disponibbli fl-indirizz:

[http://www.mapa.es/ministerio/pags/normas/renove\\_060410.pdf](http://www.mapa.es/ministerio/pags/normas/renove_060410.pdf)

**Informazzjoni oħra:**

Għajna mogħtija skont id-Digriet Rjali tkun konformi ma' kull tip ta' għajna oħra mogħtija għall-istess għan mill-awtoritajiet pubbliċi jew korpi pubbliċi jew privati oħra, sakemm jibqgħu soġġetti għall-limiti stabbiliti f'Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006, tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għal għajna mill-Istat għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 u sakemm ma jinqabżux il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 4(9) ta' dak ir-Regolament.

Madankollu, f'każ li l-ammont totali tal-għajna mogħtija lil kull benefiċjarju, fl-istess ħin u għall-istess għan, mill-awtoritajiet pubbliċi jew korpi pubbliċi jew privati, kemm dawk nazzjonali kif ukoll internazzjonali, taqbeż dawk il-limiti, l-għajna mogħtija taħt dan id-Digriet tonqos proporzjonalment sakemm jintlaħqu dawk il-limiti.

Jekk it-total tas-sussidji jirrappreżenta intensità tal-għajna akbar mill-ammonti massimi stipulati fil-liġi komunitarja, għandu jitnaqqas sal-limitu msemmi hawn fuq.

**Għajna Nru:** XA 76/10

**Stati Membri:** L-Italja

**Reġjun:** —

**Titolu tal-iskema ta' għajna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajna individwali:** Inċentivi per l'acquisto di macchine agricole

**Bażi legali:**

Art. 4 decreto-legge 25 marzo 2010, n. 40

Decreto del Ministro dello Sviluppo Economico del 26 marzo 2010

Decreto del Ministro dello Sviluppo Economico del 20 aprile 2010

**Nefqa annwali pplanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajna individwali mogħtija lil-impriża:** EUR 20 miljun

**Intensità massima tal-għajna:** 10 % tal-ispejjeż eliġibbli

**Data tal-implimentazzjoni:** L-iskema se tidħol fis-seħħ mid-data tal-pubblikazzjoni tan-numru ta' reġistrazzjoni tat-talba għall-eżenzjoni fuq is-sit tal-internet tad-Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura u għall-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni

**Tul ta' żmien tal-għajna individwali:** L-għajna se tkompli tingħata sakemm jintefaq l-ammont allokati kollu u, f'kwalunkwe każ, mhux wara l-31 ta' Diċembru 2010

**Għan tal-għajna:**

Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għal għajna mill-Istat għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001.

L-investment għandu partikolarment isegwi l-għanijiet li ġejjin:

- (1) preservazzjoni u titjib tal-ambjent naturali;
- (2) tnaqqis fl-ispejjeż tal-produzzjoni.

L-għajna għandha l-għan li tiżgura livell ogħla ta' sigurezza fir-rigward tal-makkinarju u tratturi tal-istess tip li tqegħdu fis-suq qabel l-1 ta' Jannar 2000. Dan it-titjib intlaħaq ukoll fir-rigward tal-prestazzjonijiet ambjentali tal-makkinarju u tratturi ġodda li, b'konformità mar-rekwiżiti legali attwali indikati fiċ-ċirkulari tal-20 ta' April 2010, jiżguraw tnaqqis fl-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u sustanzi perikolużi ġejjin mill-magni ta' kombustjoni interna meta mqabbla mal-makkinarju fis-suq qabel l-2004.

**Settur jew setturi benefiċjarji:** Is-settur agrikolu

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajna:**

Ministry of Economic Development  
Via Molise 2  
00187 Roma RM  
ITALIA

Tel. +39 0647051

**Indirizz tal-Internet:**

[http://www.sviluppoeconomico.gov.it/Dipartimenti/index.php?sezione=Dipartimenti&tema\\_dir=tema2&id=40](http://www.sviluppoeconomico.gov.it/Dipartimenti/index.php?sezione=Dipartimenti&tema_dir=tema2&id=40)

**Informazzjoni oħra:** —